MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 981/2010

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Gwendelyn Ashborough**
**ID-44613(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta’ attrici l-ammont ta’ seba’ mija u tmintax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€718.29c), rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (Rendikont anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament efettiv, izda din baqghet inadempjenti ghal tali hlas, ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2500/10 u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u tmintax-il Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€718.29c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------